MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-7 ta' Diċembru, 2011

Citazzjoni Numru. 870/2011

**BANK OF VALLETTA p.l.c** (C-2833)

vs

**VERDALA ANTIQUES LIMITED** (C – 17653), George Borġ, u Mario u Carmen konjuġi Borġ

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-5 ta' Settembru, 2011 li bih il-Bank attur, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li l-Qorti (i) issib li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt pubbliku tat-30 ta' Settembru, 1996, fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Aġius u fil-kitbiet privati tat-

13 ta’ Marzu, 1999, u s-26 ta’ Awissu, 1996 (u kif esebiti bħala Dokumenti “A”, “B” u “F”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-kumpannija mħarrka, l-imħarrek Ġeorge Borġ u Mario u Carmen mżżewġin Borġ (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ attriċi kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u kitbiet privati, (b) kienet inadempjenti f’obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt u l-kitbiet fuq imsemmija, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess imħarrkin li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lill-istess soċjeta’ attriċi; u (ii) tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ ħamsa u tletin elf, tliet mija u tnejn u sebgħin euro u disgħa u tmenin ċenteżmi (€35,372.89) bilanċ għad-debitu fil-“*Loan Account*” tal-kumpannija mħarrka, flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mis-26 ta’ Lulju, 2011, sad-data ta’ l-effettiv pagament.  Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat li l-imħarrkin laqgħu n-notifika tal-atti kollha tal-kawża u tal-Avviż tas-Smigħ, imma naqsu li jressqu t-Tweġiba Maħlufa tagħhom fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi, u għalhekk baqgħu kontumaċi, izda dehru lkoll waqt is-smigh tal-lum mghejjuna minn Avukat;

Rat in-Nota mressqa mill-Bank attur waqt is-smigh tal-lum li bih naqqas is-somma mitluba minhabba hlas akkont;

Semghet id-dikjarazzjoni maghmula waqt is-smigh tal-lum mid-difensur tal-imharrkin li biha huma stqarrew it-talbiet attrici kif imnaqqsa;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li mill-provi mressqa, it-talbiet tal-Bank attur kif mibdula jirriżultaw mistħoqqa;

Għaldaqstant, fuq l-ammisjoni tal-imħarrkin, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li ġraw waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li bihom u minħabba fihom l-istess Bank attur jista' jitlob minnufih il-ħlas tad-dejn lilu dovut;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta'  tlieta u tletin elf, mitejn u erbatax -il euro u hamsa u tmenin ċenteżmi (€33,214.85), rappreżentanti l-bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Account*" tal-kumpannija mħarrka fl-istess Bank, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mis-26 ta' Lulju, 2011, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu wkoll l-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------